

L-Erbgħa 10 ta' Marzu 2010

It-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji – nagħmluhom jaħdmu

P7_TA(2010)0056

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2010 dwar it-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji – nagħmluhom jaħdmu

(2010/C 349 E/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar il-Laqgħa Għolja tal-G20 ta' Londra tat-2 ta' April 2009 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Istqarrija tal-Mexxejja maħruġa wara l-Laqgħa Għolja ta' Pittsburgh tal-Grupp tal-Għoxrin (G20) tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2009 dwar il-Laqgħa Għolja tal-G20 f'Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-komunikat tal-laqgħa tal-G20 f'St Andrews tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tas-7 ta' Novembru 2009,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Diċembru 2009, u b'mod partikulari l-paragrafu 15 tagħhom,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President Barroso tal-15 ta' Diċembru 2009 lill-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-ittra tat-18 ta' Jannar 2010 mill-Ministru tal-Finanzi Svediż lill-Presidenza tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni ta' tariffa ta' stabbiltà fl-Istati Membri,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 dwar it-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, fir-rigward tat-trattament tas-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni (COM(2007)0747),
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija tal-24 ta' Frar 2010 lill-Kummissjoni dwar it-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji – nagħmluhom jaħdmu (O-0025/2010 – B7-0019/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Parlament laqa' l-ħidma investigattiva mibdija fil-livell tal-G20, wara s-Samit ta' Pittsburgh f'Settembru 2009 fir-rigward ta' qafas internazzjonali għal tassazzjoni tat-transazzjonijiet finanzjarji,
- B. billi l-Parlament talab progress rapidu biex jiġi żgurat li s-settur finanzjarju jikkontribwixxi b'mod ġust għall-irkupru ekonomiku u l-iżvilupp minħabba li hemm kostijiet u konsegwenzi sostanzjali li qed jinġarru mill-ekonomija reali, minn dawk li jħallsu t-taxxi, mill-konsumaturi, mis-servizzi pubbliċi u mis-soċjetà b'mod ġenerali,

⁽¹⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0330.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2009)0028.

⁽³⁾ ĠU L 46, 21.2.2008, p. 11.

L-Erbgħa 10 ta' Marzu 2010

- C. billi l-Kunsill Ewropew enfasizza l-importanza tat-tiġdid tal-kuntratt ekonomiku u soċjali bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-soċjetà li huma jservu u l-importanza li jiġi żgurat li l-pubbliku jibbenefika fi żminijiet tajbin u jkun protett mir-riskju; billi l-Kunsill Ewropew ħeġġeġ, f'dan il-kuntest, lill-FMI biex fir-reviżjoni tiegħu jikkunsidra l-firxa sħiħa ta' għażliet, li jinkludu fost affarijiet oħra imposta globali fuq it-transazzjonijiet finanzjarji; billi, f'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew stieden ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jidentifikaw il-prinċipji ewlenin li l-arranġamenti globali l-ġodda jeħtieġu jirrispettaw,
- D. billi bosta Stati Membri talbu taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji,
- E. billi l-inizjattivi regolatorji l-ġodda, bħalma huma azzjoni kontra r-rifuġji fiskali, it-tneħħija ta' lakuni li ma jkunux evidenti fuq il-karta tal-bilanċ, rekwiżiti għal negozjar fil-kambju u l-użu ta' repożitorji tal-kummerċ għar-reġistrazzjoni tad-derivattivi, biddlu b'mod ċar il-kuntest ta' azzjoni politika f'dan il-qasam,
- F. billi l-Kummissjoni, wara l-kwistjonijiet li tqajmu fil-laqgħa bejn il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kummissarju responsabbli għat-tassazzjoni fis-6 ta' Ottubru 2009, u kif ikkonfermat mill-President Barroso fid-dikjarazzjoni tiegħu lill-Parlament fil-15 ta' Diċembru 2009, qiegħda taħdem fuq ideat għal "finanzi innovattivi" fil-kuntest tal-isfidi globali, inklużi taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, sabiex tressaq proposti fi żmien xieraq,
- G. billi l-FMI attwalment qed jiġbor opinjonijiet mill-pubbliku dwar il-kwistjoni tat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju bħala parti mit-talba li saret mill-G20 fis-Samit ta' Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009,
- H. billi t-taxxi u l-imposti fuq it-transazzjonijiet finanzjarji jeżistu f'forom differenti fl-Istati Membri; billi dawn it-taxxi u sisa nazzjonali normalment ikopru biss it-transazzjonijiet ta' assi partikulari; billi l-Belġju u Franza adottaw leġiżlazzjoni dwar taxxa fuq transazzjonijiet ta' muniti fil-livell nazzjonali, iżda se jdaħħluha fis-seħħ biss jekk tkun implimentata fil-livell tal-UE,
- I. billi, b'differenza minn forom ta' taxxi oħrajn, it-taxxi indiretti fuq il-ġbir ta' kapital, bħalma huma d-dazju kapitali, il-bolla fuq it-titoli u d-dazju fuq operazzjonijiet ta' ristrutturar, joħlqu diskriminazzjoni, tassazzjoni doppja u diskrepanzi li jinterferixxu mal-moviment ħieles tal-kapital,
- J. billi kien hemm żieda kbira u rapida matul l-aħħar għaxar snin fil-volum ta' transazzjonijiet finanzjarji meta mqabbel mal-volum ta' kummerċ ta' prodotti u servizzi, u dan jista' jiġi spjegat, fost affarijiet oħrajn, bis-suq tad-derivattivi li qed jikber b'rata mgħaġġla ħafna,
- K. billi l-mexxejja tal-G20 għandhom responsabilità kollettiva biex jimmitigaw l-impatt soċjali tal-kriżi, kemm fl-istati membri tagħhom kif ukoll fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li ntlaqtu b'mod qawwi bl-effetti indiretti tal-kriżi; billi taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji tikkontribwixxi biex jiġu koperti l-kostijiet iġġenerati mill-kriżi,
1. Huwa tal-fehma li l-Unjoni Ewropea għandha taqbel dwar pożizzjoni komuni fil-qafas internazzjonali tal-laqgħat tal-G20 fir-rigward tal-possibilitajiet dwar kif is-settur finanzjarju għandhu jikkontribwixxi b'mod ġust u sostanzjali sabiex iħallas għal kwalunkwe piż li kkawża lill-ekonomija reali jew li huwa assoċjat mal-intervenzjonijiet tal-gvernijiet biex is-sistema bankarja tistabbilizza ruħha; huwa tal-fehma li l-UE, b'mod parallel u konsistenti mal-ħidma tal-G20, għandha tiżviluppa l-istrateġija tagħha stess fir-rigward tal-firxa ta' għażliet possibbli għal azzjoni;
 2. Iqis li, sabiex tintlaħaq pożizzjoni koerenti tal-UE bbażata fuq analiżi oġġettiva, il-Kummissjoni għandha telabora, biżżejjed minn qabel is-Samit tal-G20 li jmiss, valutazzjoni tal-impatt ta' taxxa globali fuq it-transazzjonijiet finanzjarji, filwaqt li tesplora kemm il-vantaġġi kif ukoll l-iżvantaġġi;

L-Erbgħa 10 ta' Marzu 2010

3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex fil-valutazzjoni tagħha, tqis bir-reqqa dawn l-aspetti li ġejjin:
 - (a) l-esperjenzi tal-passat fir-rigward tat-taxxi fuq it-transazzjonijiet, speċjalment f'termini ta' tendenzi ta' evażjoni fiskali u migrazzjoni ta' kapital jew forniment ta' servizz għal lokazzjonijiet alternattivi, speċjalment l-impatt ta' dawn it-taxxi fuq l-investituri individwali u fuq l-SMEs;
 - (b) il-benefiċċji u l-iżvaantaġġi tal-introduzzjoni ta' taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni Ewropea biss, meta mqabbla mal-introduzzjoni tagħhom fil-livell globali u meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali;
 - (c) il-potenzjal li jiġi ġġenerat biżżejjed dħul apparagun ta' sorsi oħrajn ta' dħul fiskali, l-ispejjeż ta' ġbir u d-distribuzzjoni tad-dħul bejn il-pajjiżi;
 - (d) il-fatt li, fil-valutazzjoni tad-dħul potenzjali mit-taxxi fuq it-transazzjonijiet finanzjarji flivell globali jew f'dak Ewropew, għandhom jitqiesu l-għażliet ta' tfassil differenti, filwat li tiġi kkwantifikata ż-żieda fl-ispejjeż tat-transazzjonijiet fis-swieq kollha potenzjalment ikkonċernati (transazzjoni fuq kambju organizzat, tranżazzjonijiet direttament bejn żewġ partijiet (*over-the-counter*)) u għal transazzjonijiet bejn negozju u ieħor (B2B) u bejn in-negozji u l-konsumaturi (B2C);
 - (e) il-fatt li l-valutazzjoni għandha tqis ukoll il-potenzjal tal-possibilitajiet differenti li jaffettwaw kemm il-livelli tal-prezzijiet u kemm l-istabilità fuq perjodu ta' żmien qasir u anke fit-tul, kif ukoll il-likwidità u t-transazzjonijiet finanzjarji;
 - (f) kif jeħtieġ li titfassal taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji sabiex jiġu mitigati l-effetti sekondarji negattiva li normalment huma assoċjati mat-taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital;
 - (g) sa liema punt taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji tikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji f'termini tal-effetti tagħha fuq l-eċċessività ta' kummerċ fuq perjodu ta' żmien qasir, l-ispekulazzjoni u fuq it-trasparenza;
 - (h) jekk taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji tistax tevita kriżi finanzjarja futura billi tkun immirata lejn ċerti tipi ta' transazzjonijiet "mhux mixtieqa"; li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni;
4. Jenfasizza li kwalunkwe soluzzjoni għandha imperattivament tevita li tnaqqas il-kompetittività tal-UE jew li xxekkell l-investment sostenibbli, l-innovazzjoni u t-tkabbir, li huma ta' benefiċċju għall-ekonomija reali u għas-soċjetà;
5. Jenfasizza l-importanza li titqies in-neċessità li s-settur bankarju jibni kapital b'saħħtu, sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tas-sistema bankarja fir-rigward tal-finanzjament tal-investimenti fl-ekonomija reali; u li jiġi evitat teħid ta' riskju eċċessiv;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jivvalutaw il-potenzjal tal-kontribuzzjoni ta' possibilitajiet differenti ta' taxxa fuq it-transazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-UE;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jivvalutaw sa liema punt il-possibilitajiet ikkunsidrati jistgħu jintużaw ukoll bħala mekkaniżmi finanzjarji innovattivi biex jiġi pprovdut appoġġ kemm għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni ta' dan it-tibdil għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll għall-finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.